# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 63

13 ta' Marzu 2023

It-tlieta u sittin (63) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

63.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

63.1.1. Ma kien hemm l-ebda ittri ta' apoloġiji.

63.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

63.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-wieħed u sittin (61) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

63.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, AD, VB, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

63.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 61.2.7 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-kwistjoni tal-kaptelli. Is-SE qal li l-Kunsill kien bagħatilhom biss ma kellux risposta. Huwa kompla billi qal li kien bagħat lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jirranġawhom temporanjament biss sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta dwar soluzzjoni permanenti. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira lil Transport Malta u lill-Infrastructure Malta.

63.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 61.2.10 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-bankina ta' ħdejn il-monument tal-Gwerra. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien kitbilhom iżda kien għad m'hemmx risposta.

63.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 61.4.1. u 61.4.2 u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-Fosos, u jekk kienx hemm xi risposta rigward il-fanali ornamentali. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

63.2.5.1. Il-Kunsillier JAE qal li wisq jibża' li ħadd ma jaf fejn qegħdin il-fanali ornamentali.

63.2.5.2. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Cultural Heritage u lill-MTA sabiex jindaga fejn jistgħu ikunu dawn il-fanali.

**Nota: 17:10 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

63.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 61.3.1 u nforma lill-Kunsill li l-Arċipriet kien irringrazzja lill-Kunsill għall-bollard li saret.

63.2.7. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-materja nru 61.4.3 rigward l-istop sign fi Triq San Tumas u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li l-istop sign kienet saret u li t-tabelli għandhom jitwaħħlu mil-kuntrattur. Fir-rigward tal-mera, is-SE qal li din kellha titwaħħal dik il-ġimgħa.

63.2.8. Is-SE nforma lill-Kunsill li l-Arċipriet kien talab li jittieħdu xi ritratti tal-mudell tal-ark li għandu l-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

63.2.9. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tat-tnejn u sittin (62) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

63.2.10. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, AD, VB, JP, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 63.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

63.3.1. Is-Sindku għamel riferenza għal-applikazzjoni għall-permess t'attività għal Malta Fashion Week. Is-SE nforma li kien ikkomunika mal-organizzatur iżda kien qiegħed joġġezzjona għall-miżata mitluba mil-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Avukat tal-Kunsill iwieġeb.

63.3.2. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn offrew lill-Kunsill sabiex konġuntament jorganizzaw wirja tan-nar bejn il-jiem tal-Ġimgħa u l-Ħadd tal-festa. Il-Kunsill approva u qabel li għandu jieħu ħsieb jassorbi l-ispiża tal-fire engine.

63.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Grupp Ħidma San Publju fejn offrew lill-Kunsill jirriklama fil-ktieb tal-Festa għall-prezz ta' €326. Il-Kunsill qabel li jilqa' l-offerta u li għandu jirreklama mhux biss il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat bħalma soltu jagħmel iżda anke xi servizzi li joffri l-Kunsill bħalma hu s-servizz tal-vettura elettrika.

63.3.4. Is-Sindku għamel riferenza għall-Memo Interna 26-08 li tressqet fil-jiem li għaddew rigward spejjeż relatati mal-attività ta' St Patrick's Day. Il-Kunsill approva din il-memo interna formalment.

63.3.4.1. Il-Kunsillier JAE qal li għall-edizzjonijiet li ġejjim hemm bżonn li jkun hemm iktar koordinazzjoni u li jsir investiment tajjeb fir-reklamar. Huwa qal li huwa importanti li wieħed jaħseb minn qabel sabiex ikun hemm pjanar sew.

**Nota: 17:40 Il-Viċi Sindku AD talba li jkun skużat.**

63.3.4.2. Il-Kunsill iddiskuta xi suġġerimenti u rtokki oħra li hemm bżonn li jsiru sabiex l-edizzjonijiet futuri jkunu ta' suċċess akbar.

63.3.4.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-baġit għas-sena d-dieħla ser ikun inqas u iktar limitat minħabba li dis-sena il-baġit kien tali minħabba li l-attività kienet ilha ma ssir sentejn.

63.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assistent Kap tal-iSkola Primarja fejn talbu li għall-Jum il-Floriana jorganizzaw Ftira Day għat-tfal b'mod konġunt. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jiffinanzja l-ftajjar kif ukoll jipprovdi tifkira żgħira tal-okkażjoni.

63.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Bullitproof li ressqu proposta sabiex jistallaw xi gym equipment fil-lokalità. Is-Sindku qal li l-apparat jiġu provdut minnhom filwaqt li l-installazzjoni ssir mil-Kunsill. Huwa kompla billi qal li ppropones tliet żoni li jħossu li huma adegwati għal dan il-għan.

**<u>Nota: 17:49 Il-Viċi Sindku AD irritorna għal-laqgħa.</u>**

63.3.6.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li japprova li l-gym equipment jiġi nstallat fi Spazju 1. Huwa qabel li għandu jitlobhom jiġbru tliet kwotazzjonijiet għall-installazzjoni ta' dan it-tagħmir.

63.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Klabb tal-Boċċi fejn talbu l-assistenza tal-Kunsill sabiex issir manutenzjoni fil-klabb, li tammonta għal €3700. Il-Kunsill ma laqax it-talba minħabba li l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet jew jagħmel manutenzjoni f'postijiet privati. Il-Kunsill qabel li għalhekk għandu jissuġġerixxi li japplikaw mal-iSports Council sabiex jitolbu l-assistenza li għandhom bżonn.

63.3.8. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand Strategy and Policy Implementation Unit li talbu lill-Kunsill jissuġġerixxi postijiet pubbliċi li potenzjalment jistgħu jiġu żviluppati f'żoni ta' parkeġġ.

63.3.8.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li sfortunatament ma tantx hemm żoni fil-Floriana li huma adattati għal dan l-iskop.

63.3.8.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk dan id-Dipartiment jistax jgħin lill-Kunsill sabiex isir riklamar adegwat tas-servizz tal-Park n' Ride biex b'hekk tkun tista' tissaħħaħ kampanja eżistenti.

63.3.8.3. Is-SE qal li hemm bżonn ukoll li jiżdiedu postijiet fejn tieqaf il-Park n'Ride biex b'hekk tilħaq iktar nies u n-nies ikunu iktar motivati jużaw dan is-servizz.

**<u>Nota: 18:01 Is-Sindku talab li jkun skużat.</u>**
**<u>Il-Viċi Sindku AD preseda l-laqgħa.</u>**

63.3.9. Il-Viċi Sindku AD ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta fejn informaw li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-grant kienet ġiet milqugħa.

**<u>Nota: 18:05 Is-Sindku irritorna għal-laqgħa.</u>**

63.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-SE rigward ftehim ġdid li jirrigwarda l-photocopiers tal-uffiċini. Is-SE spjega li l-photocopier eżistenti hija b'maintenance agreement, liema ftehim kien issa skada u jrid jiġi mġedded. Huwa qal li kienu ntalbu l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li jagħżel l-orħos offerta.

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

63.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob li terġa' ssir il-kamera li kien hemm tħares lejn Bieb il-Bombi li kienet tħares il-bieb mil-vandaliżmu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jistaqsi lill-Cultural Heritage x'sar minn din il-kamera u li jitlob li terġa' ssir.

63.4.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-mozzjoni li kienet tressqet dwar sinjali ta' veloċità fi Triq Sant'Anna u talab li tintbagħat tfakkira sabiex il-materja terġa' titqajjem. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lis-Sur David Vassallo.

63.4.3. Il-Kunsillier JAE ressaq talba mingħand residenta li talbet li tiġi rranġata l-art taħt il-cat cafes. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

63.4.4. Il-Kunsillier JAE ressaq ilment mingħand residenta dwar is-sinjali li twaħħlu fir-rigward tal-wet food minħabba li ċertu qtates ma jkunux jistgħu jieklu ikel li mhux wet food. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qal li l-importanti li l-ikel li jiġi pprovdut jinġabar u jitneħħa u mhux jitħalla hemm minkejja li ma jittiekilx, u dan minħabba li jattira ħafna insetti u jikkawża l-ħmieġ.

63.4.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal tabella li hemm ħdejn il-Waterfront u ppropona li l-Kunsill jitlob li ssir tabella li tindika li jekk wieħed jibqa' sejjer, tiġi wkoll fi Floriana Centre u mhux biss il-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

63.4.6. Il-Kunsillier JAE qal li wara t-tabella tal-lokalità hemm mappa li tindika li hi l-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni.

63.4.7. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax jitneħħa l-ispazju ta' parkeġġ riservat għall-GOto ladarba dawn kienu telqu mil-lokalità. Il-Kunsill qabel.

63.4.7.1. Is-Sindku qal li għandhom jitneħħew ukoll l-ispazji ta' parkeġġ riservati għall-APS u l-BOV ladarba l-banek kienu telqu wkoll. Il-Kunsill qabel.

63.4.8. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-bankijiet li kellhom jitwaħħlu ħdejn Dar il-Mistrieħ. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat tfakkira lill-kuntrattur.

63.4.9. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm uħud mid-dwal taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V mitfija u xi oħrajn li kienu baxxi u għalhekk pproponiet li d-dwal jinbidlu kif ukoll li jitranġa globu mkisser. Il-Kunsill qabel.

63.4.10. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk it-tender tal-funtana tal-iljun kienx skada. Is-SE qal li ma kellux din l-informazzjoni. Il-Kunsilliera SSH għalhekk talbet li jintalab aġġornament. Il-Kunsill qabel.

63.4.11. Il-Kunsilliera SSH qalet li x-xogħol li kien sar fuq il-paviment ta' taħt il-loġoġ għadu mhux komplut. Il-Viċi Sindku AD qal li kien tkellem ma' xi ħadd dwar dan li nformah li dan ix-xogħol kellu jitlesta dalwaqt.

## 63.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

63.5.1. Ma kien hemm l-ebda rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 63.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

63.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 46/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

63.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart tas-Sena 2022

63.7.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart tas-sena.

63.7.2. Il-baġit ġie approvat b'mod unanimu, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 63.8 Personalitajiet għall-banners ta' Jum il-Floriana

63.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi nforma lill-Kunsill li kien hemm bżonn li jintgħażlu l-personalitajiet għall-banners ta' Jum il-Floriana bħalma jsir ta' kull sena.

63.8.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-personalitajiet għandhom ikunu dawn:

Kelly Camilleri
John Agius
Matthew Paris
Joe Zammit McKeon
Sacha Roberts
Edward Cassar

## 63.9 JUM IT-TWELID TAL-FLORIANA

63.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-edizzjoni li jmiss ta' Jum it-Twelid tal-Floriana ser issir nhar id-9 ta' Mejju 2023. Huwa kompla billi qal li ser tiġi organizzata quddiesa u li l-Kunsill kien ser jippreżenta bukkett fjuri.

63.9.2. Il-Kunsillier JAE qal li s-sena d-dieħla ser ikun hemm l-anniversarju u għalhekk ppropona li għal dakinhar ninvolvu l-għaqdiet għall-okkażjoni.

## 63.10 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR

63.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-Kunsill irnexxielu jiffirma kuntratt mal-MTA dwar il-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

63.10.2. Huwa kompla billi qal li f'din l-edizzjoni ser ikun hemm għaxart ikmamar tan-nar u li l-festival ser jittella' lejliet il-festa, fit-22 t'April 2023.

**Nota: 19:07 Is-Sindku talab li jkun skużat.**
**19:10 Is-Sindku VB irritorna għal-laqgħa.**

## 63.11 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

63.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 4 t'April 2023 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 4 ta' April 2023**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Vincent Borg<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |